MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Numru 781/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**Versus**

**Jesmond Portelli**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jesmond Portelli ta' 35 sena iben Carmelo u Carmela nee Amngion, imwieled fil-21 t'April, 1970 detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 293770(M) u residenti fil-fond numru 14B Triq Dun Mikiel Cassar Żejtun jew 30 Trqi il-Kbira Tarxien.

Akkużat talli:

1. Fis-27 ta' Jannar 2006 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar fil-Hamrun u cioe' fi Triq Joe Sciberras ikkommetta serq minn vettura tat-tip Toyota bin-numru tar-

reġistrazzjoni FBQ 948 għad-dannu ta’ Joseph Galdes leiam serq hua aggravate bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew/u għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe’ għamle ħsara fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBQ 948 leima ħsra ma tiskorrix il-ħmaes mitt lira Maltija (€1170);

3. U aktar talli fis-27 ta’ Jannar 2006 għall-ħabta ta’ nofs in-nhar u kwart fil-Hamrun u cioe’ fi Triq Mountbatten bil-ħsieb li tikkometti delitt u cioe’ serq kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorfta tal-ħaġa misruqa minn vettura tat-tip Peugeot 206 bin-numru tar-reġistrazzjoni VIK316 wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegqit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

4. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew / u għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor mobbli jew immobbli u cioe’ għamel ħsara fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni VIK 316 għad-dannu ta’ Victor Gruppetta liema ħsar am tiskorrix il-ħames mit lira Maltija (€1170);

5. U aktar talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi li huma definittivi u ms jitgħux jinbidlu.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 2937 tal-1970, il-fedina penal ital-impujtat, l-istqarrija tal-imputat a fol 14, id-dokument RC1 a fol 16, id-dokument RC2 a fol 17, u d-dokument RC 3, is-sentenza tat-28 ta’ Mejju 1999 li fiha l-imputat kien ikkundannat għal sentejn priġunerija, is-sentenza tat-18 ta’ Frar 2002 li fiha l-imputat kien ikkundannat 18-il xahar priġuneirja li kellha tkun sospiża għal sentejn, u s-sentenzi mmarkati RC 6, 7 u 8.

Ikkonsidrat.

3. Skond il-Prosekutur, l-Ispettur Raymond Cassar, nhar is-27 ta’ Jananr 2006, il-Puliziija kienet sabet lill-imputat liebes ġakketta u fuq il-persuna tiegħu sabu xi affarijiet fosthom turnavit u xi mwies. Mill-istħarriġ irriżulta li kien hemm sgass fuq vettura tat-tip Peugeot bin-numru VIK 316 li kienet ipparkjata fi Triq Mountbatten u sgass f’karozza oħra tat-tip Toyota FBQ 948. L-imputa kien ammetta mal-Ispettur li kien hu li sgassa ż-żewwġ karozzi. Huwa qal ukoll li l-ġakketta ma kinitx tiegħu għax kien ħadha minn ġewwa t-Toyota. Huwa kien għaddej minn żmien meta kien dipendenti fuq l-eroina.

4. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li kien ħeba t-tornavit fil-kantuniera mal-Appoġġ. Huwa sab Peugeot blu, qabad it-tornavit u pprova jiftaħ il-bieba ta’ quddiem tan-naħa tal-passiġġier. Il-bieba ma nfetħitx. Għalhekk ma jipprova jiftaħ karrozza tat-tip Toyota. Kisser il-ħġieġa tat-Toyota, daħħal idejh u fetaħ il-bieba minn ġewwa. Ipprova jaqala’ l-istereo iżda ma setax jinqala’. Imbagħad ħa l-faċċata tiegħu. Ħa wkoll ġakketta blu bil-griż u li kellha xi stilel mad-dahar. Ġabar ukoll mus żgħir minn ġol-karrozza.

5. Ix-xhud tal-Prosekuzzjoni Victor Gruppetta ra lill-imputat (li għaraf fl-Awla – fol.35) ikisser il-ħġieġa tal-karozza. Huma kien mxew awara l-imputat sa ma ġew il-Pulizija. Rah ukoll jidħol fil-karozza Toyota fejn l-imputat dam xi ħames minuti ġo fiha. Il-vettura li taħgha kien propjetarju dan ix-xhud kienet dik bin-numru VIK 316 Peugoet 206. L-imputat għamel ħsara ta’madwar Lm136 skond stima.

6. Xehed ukoll Joseph Galdes li kien is-sid tal-karrozza Toyota Platz FBQ 948. Huwa sab ħsarat fil-karozza waqt li l-ġakketta bl-istilel li kien ħalla fil-karrozza kienet għebet. L-ispejjeż tal-ħsarat jitilgħu għal madwar Lm140.

7. Id-difiża eżentat lid-diversi spetturi milli jikkonfermaw l-identita’ tal-imputat fis-sentenzi li kienu ppreżentati dwar ir-reċidiva.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

8. Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni pproduċiet kemm lid-derubat li kkonferma x'kien insteraq u fejn kienet saret il-ħsara u l-istqarrija magħmula mill-imputat. L-imputat ammetta li kien ħa l-istess ġakketta li semma x-xhud Joseph Galdes kif ukoll li pprova jieħu stereo iżda ħa l-cover tiegħu biss. Biss il-valur tal-oġġetti misruqa ma ġiex stabbilit. Għalhekk waqt li kienu ppruvati l-aggravji tal-mezz kif ukoll tax-xorta tal-ħaġa misruqa, l-aggravju tal-valur ma kinitx ippruvata.

9. Dwar it-tieni imputazzjoni -il-ħsara fuq il-karozza FBQ 948- din kienet ippruvata kemm minn dak li qal l-imputat kif ukoll minn dak li xehed Joseph Galdes.

10. It-tielet imputazzjoni hija dwar tentattiv ta' serq li sar fuq il-karozza VIK 316. Dan it-tentattiv kien ammess mill-imputat kif ukoll mix-xhieda ta' Victor Gruppetta li għaraf lill-imputat fl-Awla. Kienu ppruvati l-aggravji tal-mezz u tax-xorta tal-ħaġa misrqua iżda l-aggravju dwar il-valur ma kienx ippruvat.

11. Ir-raba' imputazzjoni - dwar il-ħsara li sara fuq il-karozza VIK 316 – kienet ippruvata bl-istess mod bħar-raba' imputazzjoni.

12. Dwar l-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti tinnota li kienu ppreżentati diversi sentenzi għalkemm mhux kollha jippruvaw ir-reċidva jew għaliex leħaq għadsda ħafna żmien bejn meta ngħataw u l-jum meta seħħew l-allegati reati (ara, per eżempju, dok RC 8) kif ukoll minħabba li flok kundanna kien hemm liberazzjoni b'kundizzjoni (Dok RC 7). Iżda żgur dik indikata bħala RC 5 (fol 23) hija prova tar-reċidiva għax ma keinx għadda ż-żmien, l-ID card jaqbel u d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni mili ttelela' x-xhieda tal-identita'.

13. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat il-ħames imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat.

14. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 41(1)(a) 49, 50, 261(b), (ċ), (g), 263, 267, 271(g), 278(2),

289, 325(1)(b) 31(ix)(viii) kollha tal-Kap 9, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b'dan pero', li (a) mhix qed issibu ħati tal-aggravju tal-valur kif jidher fl-ewwel u fit-tielet imputazzjon u (b) i kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna l-ħsara li twettqet kienet mezz għall-fini u għalhekk il-Qorti qed tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 u konsegwentement qed tqis it-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda waqt li qed tqis ir-raba' imputazzjoni bħala assorbita fit-tieni waħda.

15. Dwar il-piena l-Qorti qed tqis li l-imputat huwa reċidiv kif ukoll li diġa' ngħata ċansijiet oħra qabel biex jirriforma. Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll it-tip ta' problemi li kien għaddej minnhom l-imputat. Dawn il-problemi bl-ebda mod ma jiġġustifikaw dan l-għemil. **Għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' 15-il xahar.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------